# Il-Benċmark ta’ Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2015

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti:** Il-Fehim mill-Qari

**Il-Marki:** 30 marka

**Il-Ħin:** 50 minuta

## L-Ewwel Taqsima (10 marki)

**Aqra dan ir-riklam li deher fuq sit elettroniku u aħdem l-eżerċizzji ta' warajh.**

http://www.tekno.com

Illoggja | Il-kont tiegħi | Żur siti elettroniċi oħra

# Il-kamera Naranara P18



## €199

Agħfas fuq il-prezz biex tordnaha issa u nġibuhielek b'xejn għada wara biebek flimkien ma' trepied tad-ditta Annatek. Din l-offerta tibqa' tgħodd biss sat-30 ta' Lulju.

Għalkemm din il-kamera hija żgħira daqs nitfa, in-Naranara P18 għandha l-funzjonijiet kollha biex tkun tista' tiġbed ritratti mill-aqwa kull darba li tużaha. Tibqa' mistagħġeb kif ritratti daqstant sbieħ u ċari jistgħu joħorġu minn kamera hekk żgħira u ħafifa.

**L-ispeċifikazzjonijiet ewlenin:**

- Tiffoka fuq l-oġġetti b'ħeffa tal-għaġeb.
- Iġġib il-kuluri kollha ħajjin u ċarissimi.
- Tista' tiġbed il-vidjows biha.
- Taqbad bl-internet bis-sistema Wi-Fi.

Il-kamera Naranara P18 tiġbed ritratti mill-bogħod ta' wesgħat kbar u ġġiblek kull werqa ta' kull siġra. Biha tista' tiġbed ukoll ritratti mill-viċin ħafna u turik sal-inqas dettall. B'din il-kamera ġġib ritratti tant ħajjin li tistenniehom jinqalgħu 'l barra u jkellmuk.

Ibgħat dan ir-riklam lil sħabek. ✉ Ipprintja dan ir-riklam.

*(marka kull waħda = 10 marki)*

| **A. Immarka ✓ hux Veru (V), Falz (F) jew Ma Ssemmietx (MS).** | | **V** | **F** | **MS** |
|---|---|---|---|---|
| **1.** | Fir-riklam hemm diversi indirizzi ta' siti elettroniċi. | | | |
| **2.** | Il-kamera tiswa mija, disgħa u disgħin ewro. | | | |
| **3.** | Ir-riklam jagħti tagħrif fuq kemm jiżnu l-kamera u t-trepied. | | | |
| **4.** | Fl-offerta jingħata trepied iswed li jogħla sa metru u nofs. | | | |

| **B. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin.** | | | |
|---|---|---|---|
| **5.** | L-iskop ewlieni tar-riklam hu li | jagħti deskrizzjoni tal-kamera. | |
| | | jagħti tagħrif fuq in-Naranara P18. | |
| | | jbigħ prodott speċifiku lill-qarrejja. | |
| **6.** | Fir-riklam, l-offerta tindika li jekk tixtri l-kamera issa tingħata | skont ta' tletin fil-mija. | |
| | | lenti b'saħħitha ħafna u sett ta' vidjows. | |
| | | trepied b'xejn tad-ditta Annatek. | |
| **7.** | Dan ir-riklam huwa mmirat għal min se jixtri | bil-kompjuter billi jagħfas fuq il-prezz. | |
| | | bil-kompjuter u jmur fil-ħanut indikat. | |
| | | billi jibgħat ir-riklam lil sħabu. | |
| **8.** | Dan ir-riklam jagħti | informazzjoni biss fuq il-kamera. | |
| | | informazzjoni fuq il-kamera u kif tixtriha. | |
| | | informazzjoni fuq kameras u trepiedi. | |

| **Ċ. Immarka t-tifsira t-tajba tal-espressjoni billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin.** | | | |
|---|---|---|---|
| **9.** | Din il-kamera **żgħira daqs nitfa**, tfisser li l-kamera | titfa' r-ritratti direttament f'album. | |
| | | awtomatikament titfi d-dwal tal-madwar. | |
| | | hija żgħira ħafna. | |
| | | hija ta' daqs medju. | |
| **10.** | Din il-kamera ġġib **ritratti tant ħajjin**, tfisser li r-ritratti | jiġu jitkellmu. | |
| | | jiġu reali. | |
| | | jistgħu jiċċaraw biż-żmien. | |
| | | ma jisfaru qatt. | |

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.**

# Min hu biha?

**L-Ewwel Parti**

Ħafna tfal Maltin jafu jilagħbu noli. Fi ftit kliem, tmur tistaħba xi mkien u tagħmel minn kollox biex min hu biha ma jarakx. Meta nkunu qed nilagħbu fil-ġnien ta' ħdejn il-knisja, hemm ħafna fejn nistaħbew: jew wara l-bank tal-ġebel, jew wara xi siġra, jew inkella wara l-gabbana tal-ikel. Imma meta mmorru għand in-nanna jkollna iktar fejn nistaħbew! **(paragrafu 1)**

Il-Ħadd li għadda, waqt li konna fil-ġnien ta' ħdejn il-knisja nilagħbu noli, fettilli mmur nistaħba wara s-siġra l-kbira. Issa din is-siġra hija xiħa għakka u z-zokk tagħha huwa oħxon u kollu tikmix. **(paragrafu 2)**



Waqt li kont qed nistaħba, għajnejja marru fuq kamaleonte, wieqaf donnu statwa u ggranfat ma' waħda mill-frieghi. Tant lewnu kien l-istess bħal taz-zokk, li trid għajnejn ta' seqer biex tilmħu! Dak il-ħin, dak il-kamaleonte stħajjiltu qed jilgħab noli huwa wkoll. **(paragrafu 3)**

Imlebleb bil-kurżità biex insir naf aktar fuq il-kamaleonte, kif wasalt id-dar inxtħett fuq il-kompjuter u bdejt infittex fuqu. Sibt li hawn diversi tipi ta' kamaleonte fid-dinja. Dawn issibhom l-aktar fl-Afrika, fl-Asja u fin-Nofsinhar tal-Ewropa. Sibt li l-kamaleonte jibdel lewnu skont l-ambjent li jkun fih, mhux biex jilgħab kif nagħmlu aħna, imma biex l-annimali akbar minnu ma jarawhx u ma jikluhx. Fl-istess ħin huwa jistaħba lill-insetti li jkun irid jiekol. Hekk kif jersqu lejh, joħroġ ilsienu ħafif daqs vleġġa u jiblagħhom f'ħakka t'għajn. **(paragrafu 4)**

Fuq l-internet sibt ukoll li hemm ħafna annimali li jbiddlu lewnhom skont l-ambjent li jkunu fih. Ngħidu aħna, il-qarnita tagħmel l-istess ħaġa bħall-kamaleonte, imma minflok fuq l-art, fil-baħar. Bis-saħħa t'hekk, min jaf kemm-il darba ħelsitha minn ħalq xi kelb il-baħar! **(paragrafu 5)**

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

**1.** Aqta' linja taħt is-sentenza t-tajba:

**a)** Ġieli mmorru nilagħbu noli fil-ġnien ta' ħdejn il-knisja u ġieli għand in-nanna.

**b)** Ġieli mmorru nilagħbu noli fil-gabbana tal-ikel u ġieli għand in-nanna.

**ċ)** Ġieli mmorru nilagħbu noli għand in-nanna u ġieli fil-knisja.

**d)** Ġieli mmorru nilagħbu noli fil-ġnien ta' wara l-knisja u ġieli l-bandli.

**2.** Skont is-silta, għaliex taħseb li l-awtur mar jistaħba wara z-zokk tas-siġra?

______________________________________________

**3.** Minn **paragrafu 2**, sib u ikteb **biss** l-espressjoni li turi li s-siġra kellha ħafna żmien.

______________________________________________

**4.** X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta kiteb li huwa kien imlebleb bil-kurżità biex isir jaf aktar fuq il-kamaleonte?

______________________________________________

**5.** Agħti raġuni waħda għala l-qarnita tibdel lewnha wkoll.

______________________________________________

**6.** Xi tfisser l-espressjoni **"għajnejn ta' seqer"** fis-sentenza: "Tant lewnu kien l-istess bħal taz-zokk, li trid **għajnejn ta' seqer** biex tilmħu"? **(paragrafu 3)**

______________________________________________

**7.** Ikteb kelma oħra għal **"stħajjiltu"** fis-sentenza: "Dak il-ħin, dak il-kamaleonte **stħajjiltu** qed jilgħab noli huwa wkoll." **(paragrafu 3)**

______________________________________________

**8.** Għaliex il-kittieb kiteb **"sibt"** u mhux **"sipt"** fis-sentenza: "**Sibt** li l-kamaleonte jibdel lewnu skont l-ambjent li jkun fih ... "? **(paragrafu 4)**

______________________________________________

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Nafu li l-baħar huwa dinja għalih u l-ħlejjaq li hemm fih huma tal-għaġeb. Hemm min jibdel il-kulur, bħalma tagħmel il-qarnita, u hemm min saħansitra jkun trasparenti. Dan żgur ma jarah ħadd! **(paragrafu 6)**



Hekk, ngħidu aħna, hemm ċertu bram li laħmu huwa bla kulur u ma jidhirx. Lanqas aħna li nkunu qed ngħumu ma narawh, għalkemm it-tingiża taħraq nar tiegħu nħossuha! U kif! **(paragrafu 7)**

F'wieħed mill-kotba li għandna d-dar, darba kont qrajt li n-natura tgħallimna li l-kbir jiekol liż-żgħir u allura min ikun żgħir irid jara kif jagħmel biex il-kbir ma jarahx. Hekk jagħmlu ħafna insetti. Fil-fatt wieħed mill-aktar insetti tal-għaġeb huwa l-insett tal-weraq. Dan jgħaddi għomru u żmienu fuq il-weraq. Meta tħares lejh taħsbu xi werqa. Malta m'għandniex minn dan l-insett u ssibu l-aktar fl-Indja. Huwa jgħix madwar sena, sakemm ma jinkixifx u ma jilħaqx jieklu xi għasfur. **(paragrafu 8)**



Fuq l-għasafar sibt ħafna tagħrif. Xi ġmiel ta' ritratti tagħhom hemm fl-internet! Sibt li xi drabi l-għasafar ikunu mlibbsin rix li ma jagħtix fil-għajn. L-għasafar nisa jkollhom ilwien li jixbhu ħafna l-ilwien taz-zkuk tal-bejtiet li jrabbu fihom iż-żgħar tagħhom. Fost l-akbar makakki tal-ħabi hemm il-kokka u mhux lakemm taraha meta tkun fuq xi siġra! Il-kokka tgħix madwar 13-il sena. **(paragrafu 9)**

Il-bniedem ilu ħafna jipprova biex xi darba jsir inviżibbli. Fil-gwerer, inqas ma jidhru s-suldati, ikun agħar għall-għedewwa, għax ma jarawhomx. Għalhekk jilbsu ħwejjeġ li jaħbuhom minn għajn il-għadu. Imma aħna l-gwerer ma nħobbuhomx u nixtiequ nsiru inviżibbli biex meta nilagħbu noli, min ikun biha, ma jsibna qatt! **(paragrafu 10)**

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet skont is-silta li qrajt.** *(marka kull waħda = 8 marki)*

**9.** Minn **paragrafu 7**, sib u ikteb **biss** l-espressjoni li turi kif inħossuha t-tingiża ta' brama.

______________________________________________

**10.** Kif taħseb li jħossu l-insett tal-weraq meta jersaq lejh xi għasfur?

______________________________________________

**11.** X'taħseb li ried ifisser l-awtur meta kiteb li xi drabi l-għasafar ikunu mlibbsin rix li ma jagħtix fil-għajn?

______________________________________________

**12.** X'sab l-awtur meta fittex fuq l-internet dwar l-għasafar nisa?

______________________________________________

**13.** Agħti s-singular tal-kelma **"bram"** fis-sentenza: "Hekk, ngħidu aħna, hemm ċertu **bram** li laħmu huwa bla kulur u ma jidhirx". **(paragrafu 7)**

______________________________________________

**14.** Xi tfisser l-espressjoni **"għomru u żmienu"** fis-sentenza: "Dan jgħaddi **għomru u żmienu** fuq il-weraq"? **(paragrafu 8)**

______________________________________________

**15.** Ikteb fi kliem in-numru **13** fis-sentenza: "Il-kokka tgħix madwar **13**-il sena."

______________________________________________

**16.** Għal min qed tirreferi **"jaħbuhom"** fis-sentenza: "Għalhekk jilbsu ħwejjeġ li **jaħbuhom** minn għajn il-għadu"? **(paragrafu 10)**

______________________________________________

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq is-silta kollha.** *(2 marki kull waħda = 4 marki)*

**17.** Mis-silta kollha li għadek kemm qrajt, x'tista' tikkonkludi fuq il-ħajja ta' kuljum tal-annimali fl-abitat naturali tagħhom? Għaliex?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**18.** Kieku kellek tagħżel li tkun annimal minn dawk li ssemmew, liema annimal kont tagħżel? Għaliex?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________

**Tmiem il-Karta**